ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2126

tas-16 ta' Diċembru 2020

dwar l-istabbiliment tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2021 sal-2030 skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġu stabbiliti l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2021 sal-2030 fis-setturi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/842, il-kalkoli rilevanti jeħtieġ jiġu bbażati fuq l-aktar *data* preċiża disponibbli. Għalhekk, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra totali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/842 u ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) fis-sena 2020 huma stabbiliti fir-rieżami komprensiv li ġej. Dak ir-rieżami twettaq mill-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, f'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 u fih *data* rieżaminata tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għas-snin 2005 u 2016 sal-2018 f'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842.

(2) *Data* preċiża bħad-*data* rieżaminata dwar l-inventarju, hija meħtieġa fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn installazzjonijiet stazzjonarji fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni ("EU ETS") kif derivat mir-Reġistru tal-Unjoni tal-emissjonijiet verifikati ta' dawk l-installazzjonijiet ("ir-Reġistru"). Meta l-emissjonijiet tal-EU ETS tal-2005 fir-Reġistru ma jikkorrispondux mal-kamp ta' applikazzjoni attwali tad-Direttiva 2003/87/KE jew tar-Regolament (UE) 2018/842, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rilevanti ([4]) adottati skont id-Direttiva 2003/87/KE jew id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), kif ukoll il-pjanijiet ta' allokazzjoni nazzjonali u l-korrispondenza uffiċjali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri rispettivi, jintużaw biex tiġi pprovduta *data* komplementari dwar l-emissjonijiet.

([1]) ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

([3]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/162/UE tas-26 ta' Marzu 2013 dwar kif għandhom jiġu ddeterminati l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 90, 28.3.2013, p. 106); Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/634/UE tal-31 ta' Ottubru 2013 dwar l-aġġustamenti fl-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2013 sal-2020 skont id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 292, 1.11.2013, p. 19); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1471 tal-10 ta' Awwissu 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2013/162/UE biex tirrevedi l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2017 sal-2020 (ĠU L 209, 12.8.2017, p. 53).

([5]) Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

(3) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-allokazzjonijiet annwali ddeterminati tal-emissjonijiet mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rapportati għal kull sena tal-perjodu mill-2021 sal-2030, l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri jeħtieġ jiġu kkalkulati f'ekwivalenti għas-CO_2 billi jiġu applikati l-istess valuri għall-potenzjali tat-tisħin globali, jiġifieri l-valuri stabbiliti fil-Grupp Intergovernattiv għall-ħames Rapport ta' Valutazzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima u elenkati fl-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1044 ([6]).

(4) Metodoloġija b'ħames passi tapplika biex l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru għas-sena 2030 tiġi kkalkulata f'konformità mat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2030 fir-rigward tal-livelli tagħhom tal-2005 speċifikati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/842.

(5) L-ewwel nett, jiġi ddeterminat il-valur tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-2005. Il-kwantità ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-installazzjonijiet stazzjonarji fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE li eżistew fl-2005, titnaqqas mit-total rieżaminat ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għas-sena 2005. Għall-Istati Membri li ilhom jipparteċipaw fl-EU ETS minn wara l-2005, tapplika l-kwantità ta' emissjonijiet tal-2005 kif iddeterminata fid-Deċiżjoni 2013/162/UE. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fl-2013 hija riflessa bil-kalkolu tal-valur ekwivalenti tal-2005 tal-aġġustament korrispondenti tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet għall-2020 f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE kif stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/634/UE. Kif meħtieġ mill-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/842, il-kalkolu jirrifletti wkoll it-tibdil fil-kopertura tal-installazzjoni bejn l-2005 u l-2012, bl-istess mod kif stabbilit fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1471.

(6) It-tieni nett, l-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru għas-sena 2030 hija kkalkulata billi jiġi applikat il-perċentwal stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/842 għall-valur tal-emissjonijiet ikkalkulat għall-2005.

(7) It-tielet nett, il-kwantità medja ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/842 fis-snin 2016, 2017 u 2018 ta' kull Stat Membru hija kkalkulata billi titnaqqas il-kwantità medja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra verifikati minn installazzjonijiet stazzjonarji fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fis-snin 2016, 2017 u 2018 fl-Istat Membru rispettiv u l-emissjonijiet tas-CO_2 tal-avjazzjoni domestika mit-total rieżaminat tiegħu ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għas-snin 2016, 2017 u 2018.

(8) Ir-raba' nett, l-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru għas-snin 2021 sa 2029 huma kkalkulati. Huma stabbiliti fuq bażi ta' trajettorja lineari li tibda fil-kwantità medja għas-snin 2016, 2017 u 2018 fil-ħames parti minn kull tnax tad-distanza mill-2019 sal-2020 u tispiċċa bl-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet tagħha għas-sena 2030. Għall-Greċja, il-Kroazja u l-Ungerija, it-trajettorja lineari tibda fl-2020 peress li din tirriżulta f'allokazzjoni iktar baxxa għal dawk l-Istati Membri.

(9) Fl-aħħar nett, il-valuri li jirriżultaw tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet huma aġġustati. Il-kwoti tal-EU ETS relatati mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn installazzjonijiet stazzjonarji eskluży mill-EU ETS f'konformità mal-Artikolu 27 tad-Direttiva 2003/87/KE, kif notifikati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont dak l-Artikolu, u li b'hekk huma eskluży mil-limitu massimu tal-Unjoni skont dik id-Direttiva mill-2021 'il quddiem, għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/842. Sussegwentement, il-kwantitajiet imnaqqsa mil-limitu jiżdiedu mal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri rilevanti għall-perjodu mill-2021 sal-2030. L-ammont tal-aġġustament speċifikat fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2018/842 jiżdied mal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet għas-sena 2021 għal kull Stat Membru elenkat f'dak l-Anness.

(10) Il-kwantitajiet massimi totali għal ċerti Stati Membri wara t-tnaqqis tal-kwoti tal-EU ETS li jistgħu jitqiesu għall-konformità ta' Stat Membru bejn l-2021 u l-2030 f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842, huma ddeterminati bl-applikazzjoni tal-perċentwali notifikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 6(3) ta' dak ir-Regolament għall-valuri tal-valuri kkalkulati ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2005.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1044 tat-8 ta' Mejju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-valuri għall-potenzjali ta' tisħin globali u l-linji gwida tal-inventarju u fir-rigward tas-sistema tal-inventarju tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2014 (ĠU L 230, 17.7.2020, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-valuri għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-2005 għal kull Stat Membru skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842 għandhom japplikaw kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru għal kull sena tal-perjodu mill-2021 sal-2030 skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842, aġġustata f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament, għandha tapplika kif stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Il-kwantitajiet totali skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2018/842 li jistgħu jitqiesu għall-konformità ta' Stat Membru skont l-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament, għandhom japplikaw kif stabbilit fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Il-valuri għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2005 għal kull Stat Membru skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842

Stat Membru	Valur għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2005 f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO_2
Il-Belġju	81 605 589
Il-Bulgarija	22 326 386
Iċ-Ċekja	64 965 295
Id-Danimarka	40 368 089
Il-Ġermanja	484 694 619
L-Estonja	6 196 136
L-Irlanda	47 687 589
Il-Greċja	62 985 180
Spanja	241 979 192
Franza	401 113 722
Il-Kroazja	18 056 312
L-Italja	343 101 747
Ċipru	4 266 823
Il-Latvja	8 597 807
Il-Litwanja	13 062 124
Il-Lussemburgu	10 116 187
L-Ungerija	47 826 909
Malta	1 020 601
In-Netherlands	128 112 158
L-Awstrija	56 991 984
Il-Polonja	192 472 253
Il-Portugall	48 635 827
Ir-Rumanija	78 235 752
Is-Slovenja	11 826 308
Is-Slovakkja	23 137 112
Il-Finlandja	34 439 858
L-Iżvezja	43 228 505

ANNESS II

L-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru għal kull sena tal-perjodu mill-2021 sal-2030 skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842, aġġustati f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament

Stat Membru	Valur aġġustat tal-allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO_2									
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028	2029	2030
Il-Belġju	71 141 629	69 130 741	67 119 852	65 108 964	63 098 075	61 087 187	59 076 298	57 065 410	55 054 522	53 043 633
Il-Bulgarija	27 116 956	25 159 860	24 805 676	24 451 491	24 097 307	23 743 123	23 388 939	23 034 755	22 680 571	22 326 386
Iċ-Ċekja	65 984 531	60 913 974	60 283 497	59 653 019	59 022 541	58 392 064	57 761 586	57 131 109	56 500 631	55 870 153
Id-Danimarka	32 127 535	31 293 868	30 460 202	29 626 535	28 792 868	27 959 201	27 125 535	26 291 868	25 458 201	24 624 534
Il-Ġermanja	427 306 142	413 224 443	399 142 745	385 061 046	370 979 348	356 897 650	342 815 951	328 734 253	314 652 554	300 570 856
L-Estonja	6 223 937	6 001 620	5 925 247	5 848 875	5 772 502	5 696 129	5 619 756	5 543 384	5 467 011	5 390 638
L-Irlanda	43 479 402	42 357 392	41 235 382	40 113 372	38 991 362	37 869 352	36 747 342	35 625 332	34 503 322	33 381 312
Il-Greċja	46 227 407	46 969 645	47 711 883	48 454 122	49 196 360	49 938 598	50 680 836	51 423 075	52 165 313	52 907 551
Spanja	200 997 922	198 671 005	196 344 088	194 017 170	191 690 253	189 363 335	187 036 418	184 709 500	182 382 583	180 055 665
Franza	335 726 735	326 506 522	317 286 309	308 066 096	298 845 883	289 625 670	280 405 456	271 185 243	261 965 030	252 744 817
Il-Kroazja	17 661 355	16 544 497	16 576 348	16 608 198	16 640 049	16 671 899	16 703 749	16 735 600	16 767 450	16 799 301
L-Italja	273 503 734	268 765 611	264 027 488	259 289 365	254 551 242	249 813 118	245 074 995	240 336 872	235 598 749	230 860 626
Ċipru	4 072 960	3 980 718	3 888 477	3 796 235	3 703 993	3 611 752	3 519 510	3 427 269	3 335 027	3 242 785
Il-Latvja	10 649 507	8 854 834	8 758 222	8 661 610	8 564 998	8 468 386	8 371 774	8 275 162	8 178 551	8 081 939
Il-Litwanja	16 112 304	13 717 534	13 488 659	13 259 784	13 030 909	12 802 033	12 573 158	12 344 283	12 115 408	11 886 533
Il-Lussemburgu	8 406 740	8 147 070	7 887 400	7 627 731	7 368 061	7 108 391	6 848 721	6 589 052	6 329 382	6 069 712
L-Ungerija	49 906 277	43 342 400	43 484 478	43 626 556	43 768 634	43 910 712	44 052 791	44 194 869	44 336 947	44 479 025
Malta	2 065 044	1 239 449	1 187 854	1 136 258	1 084 663	1 033 068	981 473	929 878	878 282	826 687
In-Netherlands	98 513 233	96 677 516	94 841 800	93 006 083	91 170 366	89 334 649	87 498 932	85 663 215	83 827 498	81 991 781
L-Awstrija	48 768 448	47 402 495	46 036 542	44 670 589	43 304 636	41 938 683	40 572 729	39 206 776	37 840 823	36 474 870
Il-Polonja	215 005 372	204 376 828	201 204 624	198 032 420	194 860 216	191 688 012	188 515 807	185 343 603	182 171 399	178 999 195
Il-Portugall	42 526 461	40 821 093	40 770 978	40 720 863	40 670 748	40 620 633	40 570 518	40 520 403	40 470 288	40 420 173

Ir-Rumanija	87 878 093	76 914 871	76 884 391	76 853 912	76 823 433	76 792 954	76 762 474	76 731 995	76 701 516	76 671 037
Is-Slovenja	11 403 194	11 107 762	10 991 138	10 874 515	10 757 891	10 641 268	10 524 644	10 408 021	10 291 397	10 174 774
Is-Slovakkja	23 410 477	21 151 422	21 052 577	20 953 731	20 854 886	20 756 040	20 657 195	20 558 350	20 459 504	20 360 659
Il-Finlandja	28 840 335	27 970 110	27 099 886	26 229 661	25 359 436	24 489 212	23 618 987	22 748 762	21 878 538	21 008 313
L-Iżvezja	31 331 358	30 731 996	30 132 635	29 533 273	28 933 911	28 334 550	27 735 188	27 135 826	26 536 464	25 937 103

ANNESS III

Kwantitajiet totali skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2018/842 li jistgħu jitqiesu għall-konformità ta' Stat Membru skont l-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament

Stat Membru	Kwantità totali f'tunnellati ta' ekwivalenti għas-CO_2
Il-Belġju	15 423 456
Id-Danimarka	8 073 618
L-Irlanda	19 075 035
Il-Lussemburgu	4 046 475
Malta	204 120
L-Awstrija	11 398 397
Il-Finlandja	6 887 972